MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 557/2010

**Imagine Casa Ltd**

**(C32263)**

**Vs**

**Stephen Tanti**

**(ID5570M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut li huwa debitur taghha fl-ammont ta' elf sitt mija u wiehed u sebghin centezmu (€1,671) bilanc minn somma akbar liema bilanc jirraprezenta numru ta' kcejjen u kmamar tas-sodda u ghamara ohra ordnati mill-konvenut u kkonsenjati lilu f'San Pawl il-Bahar (Dok IC1 anness u mmarkat);

Illi ghad li s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex ihallas l-imsemmi ammont dovut anki wara li gie interpellat b'ittra ufficjali taht l-artikolu

166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 2 ta' Frar, 2010 (Doc IC2) huwa baqa' inadempjanti u ma hallasx (298/10).

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez sal-pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut wara li gie notifikat pprezenta risposta fl-24 ta' Mejju, 2010 fejn ecepixxa 'lli t-talba attrici hija 'nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Xehdet Janice Spiteri li hija d-Direttrici tas-socjeta' attrici. Qalet illi l-konvenut kien klijent regolari taghhom u qatt ma kellhom problemi mieghu. Meta l-konvenut ghamel l-ordni ghal xi ghamara kien hallas depozitu permezz ta' bank transfer. Il-pressi tal-kumpanija hija li jithallsu cash on delivery izda din id-darba peress illi kienu jafu lil konvenut ma rreistewx ghal hlas. Infatti saret ukoll l-installazzjoni. Wara dan kienu saru xi pagamenti wkoll. Wara li ghadda xi zmien il-konvenut baqa' ma hallasx. Kienet marret tkellmu personalment u kien hawnhekk illi l-ordni ma kienetx ghalih izda ghal haddiehor.

Xehed ukoll Mark Mallia illi huwa s-sales person tas-socjeta' attrici. Qal illi l-konvenut kien ilu jordna xoghol minghandu. Dwar l-ahhar ordni ma jafx ghalxiex il-konvenut ma hallasx ghaliex ix-xoghol sar kollu u sar sew. Ix-xhud jispjega 'll x-xoghol kien qabbdu l-konvenut sabiex jaghmlu u anke ffirma l-kuntratt. Il-kwistjoni li x-xoghol ma sarx ghal konvenut izda ghal kumpanija ohra x-xhud sar jafha meta mar flimkien ma' Janice Spiteri ghal hlas.

Xehed il-konvenut li spjega illi hu kien jahdem mal-kumpanija Exodus Holdings li tahta kien hemm is-Soleil Mobilia li filfatt qabbdet lil Stephen Tanti jixtri l-ghamara minghand Immagine Casa. Qal illi hu qatt ma dahal fi hlasijiet izda dawn kienet taghmilhom il-kumpanija Exodus Global Holding Ltd u ma ghadux jahdem ma din il-kumpanija.

Xehed ukoll Michael Turner li kien company Secretary tal-Exodus Group. Spjega illi l-ordni tal-ghamara saret ghall-kumpanija u filfatt anke kellem lis-socjeta' attrici biex jispjega illi Stephen Tanti ma kellux x'jaqsam ma dan il-kont.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi l-konvenut ressaq l-eccezzjoni li mhux il-legittimu kontradittur. Kif inhu rikjest minnu legalment hu 'ndika l-kumpanija li kellha titressaq bhala konvenuta. l-obbligu jew id-dritt li jissejjah il-kjamat in kawza jinkombi fuq l-attur u hadd izjed ghax il-konvenut f'kawza obbligat biss li jsostni u jlahham l-eccezzjoni tieghu sabiex din tintlaqa propjament kif ghamel l-esponenti sal-grad rikjest mil-ligi.

Din it-talba ma saritx mis-socjeta' attrici ghalkemm il-konvenut indika lis-socjeta' Soleil Immobilies u l-group Exodus.

Il-konvenut gab il-prova ukoll illi hu ma ghandu ebda pagament izda l-pagament ghalih sar mill-kumpanija li kien jahdem maghha. Hemm ukoll il-kwistjoni tal-iffirmar min-naha tal-konvenut. Is-socjeta' attrici ma gabitx dokumenti ffirmati mill-konvenut izda minn persuni differenti fosthom certu John Tanti u S Farrugia.

Ghalhekk is-socjeta' attrici ma rnexxilhiex torbot dan il-bejgh tal-konvenut filwaqt illi l-konvenut wera illi hlasijiet saru mill-kumpanija u hu ma ffirmax kuntratti. Kwistjoni ohra illi s-socjeta' attrici dehrilha li ma ssejjahx kjamat in kawza minkejja illi l-eccezzjoni tal-konvenut kienet li ma kienx il-legitimu kontradittur.

It-Tribunal ghalhekk iqis illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprova t-talba taghha filwaqt illi l-konvenut ipprova l-eccezzjoni tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------